## MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 20

IT-TNEJN 23 TA' GUNJU 2014 FIT-3.15 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| PAUL J. PACE | AGENT SEGRETARJU EZEKUTTIV |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Sar qbil li l- Minuti ta' l-aħħar laqgħa għandhom jiġu cirkulati lill-Kunsill fil-laqgħa li jmiss, u għaldaqstant minn ikollu xi korrezzjonijiet ikun jista' jagħmilhom fil-laqgħa li jmiss.

Is-Sindku Max Zammit issuġġerixxa li l- kommunikazzjoni mis-Sindku u rapport mill-Kunsilliera jiġu disskussi aktar tard. Il-Kunsill qabel.

.

## 2 APPROVAVAZZJONI TAL-PAGAMENTI

2.1 Is-Sindku s-Sur Max Zammit resaq il-lista tal –pagamenti u wara li ma' kien hemm l-ebda oġġezzjoni fuq xi pagament, il –Kunsill uninament approva dawn il-pagamenti fejn wara gew iffermati mis-Sindku Max Zammit, l-Agent Segretarju Ezekuttiv Paul Pace, u miz-zewġ Kunsilliera..

## 3 APPELL re:TXLG/15/13 *STREET CLEANING & WEED CUTTING*

3.1 L-Agent Segretarju Ezekuttiv is-Sur Paul Pace qal li kif kien miftiehem waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill kellu jkellem lil Dr. Stefano Filletti sabiex jingħata kopja tad-deċizjoni tal-P.C.R.B. fuq l-isemmi Tender, ħalli l-istess Dr. Filletti jgħati parir lill-Kunsill kif għandu mexxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-P.C.R.B.

3.2 Dr. Filletti ta l-opinjoni tiegħu fejn dan ta parir lill-Kunsill sabiex l-Appellant jerga' jiġi mdaħħal fl-evalwazzjoni mill-ġdid bejn il-Kuntrattur li qed jiġi rrakkomandat mill- Kunsill fuq l-stadju ta' esperjenza. Dan għandu jsir minnufih waqt l-ewwel laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Għaldaqstant il-Kunsill ddiskuti din l-issue u wara diversi suġġerimenti l-Kunsill reġa resaq dan it-Tender għal evalwazzjoni ġdida.

Peress illi l-massimu tal-punti li l-Kunsill kien ta' fuq esperjenza fuq dan it-Tender kienu 10 punti, u kien issuggerit li fil-rapport ta' P.C.R.B. irridu nimxu like with like, il-Kunsill fuq esperjenza ta 10 punti ukoll lill-Appellant li b'hekk il-punteġġ totali ta' l- Appellant zdied 2 punti. Ir-rizultat tal-punteġġ finali gie hekk:

L-Appellant is-Sur Owen Borg 38 punt
General Cleaners Ltd 39 punt

Għaldaqstant il-Kunsill qabel uninament li xorta għandu jipproċedi billi Tender TXLG/15/13 Street Sweeping & Weed Cutting jingħata lill-General Cleaning Ltd u għandha tintbgħat ittra lis-Sur Owen Borg bir-rizultat finali, kopja tagħha lill-P.C.R.B.

Ġie miftiehem ukoll li l-Agent Segretarju Ezekuttiv is-Sur Paul Pace għandu jikteb lill-Twish Co Ltd (Il-Kuntrattur prezenti ta; xogħlijiet tal-knis) sabiex jinfurmah li s-servizz għandu jiġi terminat fl-aħħar ta' Awissu 2014 sabiex il-General Cleaners Ltd ikunu jistaw jibdew bil- kuntratt il-ġdid mill- 1 ta' Settembru 2014

Il-Kunsill qabel unimament.

## 4 ĠEMELLAĠĠI

**4.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ġemellaġġi u wara li s-Sindku Max Zammit ta' rapport ta' kif ġejna milquha ġewwa Rocca Santa Stefano, huwa ssuggerixxa li l-Kunsill għandu mod immedjat jibda l-preparazzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jibda l-proċess b'mod uffiċċjalment għal l-applikazzjonijiet għaz-zewg ġemellaġġi wieħed Rocca Santa Stefano u l-ieħor ma' Aci Catania.

4.2 Il-Kunsill qabel uninament li għandu jipproċedi sabiex jibdew il- preparazzjoniet ħalli jiġu finalizzati dawn il-ġemellaġġi.

4.3 Rigward il-ġemellaġġ taz-zewġ postijiet, iz-zewġ Sindki ta' zewġ postijiet differenti qablu li meta il-Kunsill ta' Ta' Xbiex immur għandhom, l-akkomazzjoni taz-zewġ postijiet tkun imħallsa mingħhom u l-Kunsill iħallas biss l-ispejjes ta' l-arju kif ukoll xi spejjes oħra.

## 5 AWARD TAD-TENDER TAL-ARCHITECT AND CIVIL ENGINEER

5.1 Is-Sindku Max Zammit resaq ir-rapport tal-board tar-rakkomandazzjonjiet għal evalwazzjoni tal-Periti.

Wara li saret kjarifika mad- Dipartiment tal-Gvern Lokali, jekk il-Kunsill jistax jagħzel aktar mill-perit wieħed, id-dipartiment kiteb li jekk il-Kunsill fit-tender imsemmi kiteb li l-Kunsill jista' jagħzel sa massimu ta' 3 peritu, il-Kunsill setgħa jagħmel dan.

Qabel ma kompliet din id-diskuzzjoni saret korrezzjoni fuq il-Tenderer nru 4 il-Perit Neil Felice fejn ġie nnutat mill-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti li dan il-Perit kellu punt nieqes meta ġew magħduda l-punti.

Għaldaqstat il-Kunsill ikorega r-rapport tal-Board u wara dan ir-rapport reġa ġie għal diskuzzjoni tal-Kunsill.

Ir-rizultat tal-board ta' l-għazla kien hekk:
3 voti t-Tenderer nru 5 il-Perit Dieter Falzon
3 voti t-Tenderr nru 6 il-Perit Daniel Camilleri
2 voti t-Tender nru 2 Med Design Associates

It-Tenderers nru 8 u nru 4 li kienu l-Peit Mariello Spiteri u l-Perit Neil Felice ġabu punt kull wieħed.

Għaldaqstant il-Kunsill irrakomanda li għandu joqgħod fuq pariri ta-board.

Is-Sindku Max Zammit qal sabiex l-amministrazzjoni tieħu ħsieb tinforma lit-tlett Periti li ġew magħzula li huma il-Perit Dieter Falzon il-Perit Daniel Camilleri u Med Design Associates, sabiex ninfurmawhom li ġew irrakomadati sabiex jingħataw din it-Tender u jekk jaċċetawx din it-Tender.

5.3 Wara li l-Kunsill ikollu l-aċċettazzjoni tagħhom jibgħat għalihom sabiex il- Kunsill jiftiehem magħhom fuq dak li l-Kunsill ikun jixtieq mingħhom certu gwida fuq kull xorta ta' xogħlijiet, sabiex il-Kunsill jkun aċċertat li dawn jistgħu jagħtu is-servizz li se jkun qed jitlob il-Kunsill minn zmien għal ieħor.

Wara jekk il-Kunsill jkun sodisfatt jiffirma l-Kuntratt magħhom.

## 6 PREPARAZZZJONIJIET GĦAL VISITA' ĠEWWA CATANJA RE: GELELLAGG

**6.1** Il-Kunsill iddiskuta t-tentattiv sabiex il-Kunsill jitla' tlett ijiem ġewwa Sqallija sabiex jiltaqa' ma' l-Uffiċċjali tal-Kunsill ta' ACI CATENA sabiex jiġi diskuss Gemellaġġ bejn iz-zewġ Kunsilli. Sar qbil minn min mill-Kunsilliera li se jkun qiegħed jattendi għal preparazzjoni għal dan il-Ġemellaġġ, sar qbil li għandu jitla' s-Sindku Max Zammit, il-Kunsillier Frank Roe u l-Kunsillier Eugenio Muscat.

Il-Laqgħa spiċċat fis-6.30pm

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv